Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12788/18

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0328(NLE)

UD 223
SPG 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 14189/16 + ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni tal-oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Fil-11 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta ta' hawn fuq lill-Kunsill, li għandha l-għan li tirrevedi l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni tal-oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, in-Norveġja u t-Turkija, wara r-riforma fl-2010 tas-Sistema ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta hija bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Art. 207(4) flimkien mal-Art. 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

2. Fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Novembru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali laħaq qbil dwar it-test tal-proposta.

3. Fl-20 ta' Frar 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni[1] tiegħu dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' hawn fuq.

4. Il-Ftehim ġie ffirmat fil-21 ta' Ġunju 2017.

5. Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Parlament Ewropew ivvota favur id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni tal-oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, in-Norveġja u t-Turkija, wara r-riforma fl-2010 tas-Sistema ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea.[2]

6. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni tal-oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, in-Norveġja u t-Turkija, wara r-riforma fl-2010 tas-Sistema ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea, kif tinsab fid-dokumenti 5882/2/17 REV 2 UD 17 SPG 8
u 5803/17 UD 13 SPG 5 (testi finalizzati mill-ġuristi-lingwisti).

---

[1] Kif stipulat fid-dok. 5769/17.
[2] Kif stipulat fid-dokument tal-PE P8_TA(2018)0207